



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9446/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0116 (NLE)

ACP 64
FIN 365

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fir-rigward tad-delega tas-setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fir-rigward tad-delega tas-setgħat
lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE
dwar id-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali
skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku minn banda waħda u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra¹ (“il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE”), ġie ffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000. Il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2003 u għandu jiġi applikat sad-29 ta' Frar 2020.
- (2) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, in-negozjati lejn Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ġdid tnedew f'Settembru 2018. Huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali f'każ li l-Ftehim il-ġdid ma jkunx lest biex jiġi applikat sad-data tal-iskadenza tal-qafas ġuridiku attwali.
- (3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE jipprevedi li l-Kunsill tal-Ministri jadotta kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim il-ġdid.
- (4) Skont l-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jista' jadotta deċiżjoni biex jiddelega setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, inkluża s-setgħa li tiġi adottata deċiżjoni dwar miżuri tranżizzjonali.

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

- (5) Il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandu jkollu l-laqgħa ordinarja tiegħu fit-23 u fl-24 ta' Mejju 2019 fi Brussell. Il-miżuri tranżizzjonali ma għewx miftiehma u għalhekk ma jistgħux jiġu adottati mill-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fil-laqgħa ordinarja tiegħu. Peress li mhumiex previsti aktar laqgħat tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE qabel ma jiskadi l-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjoni dwar il-miżuri tranżizzjonali tittieħed fil-waqt, huwa meħtieġ li d-deċiżjoni li jiġu adottati miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE tiġi ddelegata lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE.
- (6) Matul l-44 sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandu jadotta deċiżjoni li tiddelega s-setgħat biex jiġu adottati miżuri tranżizzjonali lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE ("l-att previst").
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE, billi l-att previst huwa vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (8) Il-pożizzjoni tal-Unjoni li tapprova l-att previst fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE jenħtieġ li tiġi stabbilita f'din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-44 sessjoni tal-Kunsill tal-Ministri AKP-UE għandha tkun li tapprova d-delega ta' setgħat lill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE, f'konformità mal-Artikolu 15(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, dwar id-deċiżjoni li tiġi adottata, skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, kwalunkwe miżura tranżizzjonali li tista' tkun meħtieġa sakemm jidħol fis-seħħ il-Ftehim il-ġdid.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
